MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birgu

# Is-Sebgha Legislatura

# Laqgħa Numru 32

14 ta` Gunju 2017

Il-Kunsilli Lokali Birgu ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Berga ta` Franza, Triq Hilda Tabone Birgu fil-hamsa u nofs ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur John Boxall – Sindku
Is-Sur Trevor Mizzi – Viċi Sindku
Is-Sur Lawrence Attard – Kunsillier
Is-Sur Anton Gellel – Kunsillier
Is-Sur Eman Zerafa - Kunsillier
Is-Sur Laurence Manicaro – Accountant tal-Kunsill

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sinjura Lara Mascena – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku s-Sur John Boxall qal it-talba u ppresjeda l-laqgħa.

## 32.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Ma kienx hemm ittri ta` apologiji.

## 32.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezentat il-Minuti tal-Laqgha Numru 30(07) fejn gew approvati bi qbil unanimu.

Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat u lil dawk prezenti li laqgha Nurmu 31(07) ma saritx minhabba l-fatt li ma ntlahaqx quorum.

**Punti Mqajjma mill-Minuti**

32.2.1 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li ghada l-Hamis 15 ta` Gunju 2017 kienet ser ssir laqgha mas-Sinjura Maria Mc. Namara fit-tmienja ta` filghodu gewwa l-Cottonera Resource Centre. Is-Sindku qal li min jista` jattendi ghal din il-laqgha jkun ferm ahjar. *(Minuti 30(07) 30.2.4)*

32.2.2 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li Health and Safety Risk Assesment sar u l-Kunsill ghandhu rapport f`idejh. *(Minuti 30(07) 30.7.19)*

32.2.3 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li ntabghtet ittra lil Lands Department dwar l-=art li hemm fejn il-Cafe Riche sabiex il-Kunsill ikun jaf lil min tghajjat dik l-art. Is-Sur Mizzi qal li l-Kunsill ghandhu jsib post alternattiv lill-bank HSBC sabiex issir l-ATM. Wara diskussjoni, gie deciz li tinkiteb ittra lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jigi rrilaxxat il-garaxx tal-ghassa biex tkun tista` ssir ATM f`dan il-post. *(Minuti 30(07) 30.9.9)*

32.2.4 Is-Sindku nforma lil dawk prezenti li matul ix-xitwa li gejja ser jibda jsir il-kors tal-hjata kull nhar ta` Tnejn bejn l-4.00pm u 7.00pm gewwa l-Berga tal-Ingliterra. Dan il-kors ser ikun parti mill-Lifelong Learning Courses. *(Minuti 30(07) 30.7.7)*

## 32.3 Rapport Finanzjarju ta` Kull Kwart (Jannar – Marzu 2017)

L-accountant tal-Kunsill, is-Sur Laurence Manicaro tah spjegazzjoni tal-income u l-expenses li saru matul l-ewwel tlett xhur ta` din is-sena 2017. Is-Sur Manicaro spjega li matul l-ewwel tlett xhur sar surplus u dan ifisser li l-Kunsill qabad it-triq it-tajba sabiex ikun jista` jelimina deficit li ghandhu l-istess Kunsill. Is-Sur Boxall ippropona li dan ir-rapport finanzjarju jigi approvat, is-Sur Eman Zerafa ssekondah u kien hemm qbil unanimu minn dawk prezenti

## 32.4 Audit Report u Mangement Letter 2016

L-accountant tal-Kunsill spjega l-management letter li giet ipreparata mill-accountant u s-Segretarju Ezekuttiv, fejn qal li kien hemm titjieb mis-sena 2015. Is-Sur Manicaro spjega xi punti li jridu jigu rrimarkati. Is-Sur Manicaro zied jghid li huwa importanti li matul din is-sena jsir Plant Registry, fejn filfatt il-Kunsill diga` qed jahdem fuqu. Is-Sur Boxall ippropona l-approvazzjoni ta` din il-Mangement Letter 2016, is-Sur Eman Zerafa ssekondah u kien hemm qbil unanimu minn dawk prezenti.

## 32.5 Donazzjonijiet sabiex tiġi restawrata l-kamra ta` fuq fil-Berġa ta` Franza

Is-Sindku spjega dwar il-flus li l-Kunsill talab lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar ir-restawr tal-kamra tal-Berga ta` Franza, fejn spjega li l-Kunsill bghat id-dokumenti kollha neccessarji sabiex jinghatawlu l-flus lura.  Is-Sindku spjega wkoll dwar id-donazzjonijiet li gabar u x`nefaq sa issa.

## 32.6 Birgu Eco-City

Is-Sindku, s-Sur John Boxall spjega li ftit tal-gimghat ilu kellhu laghqa mas-Sur Andrew Agius Muscat fejn wera l-possibilta li jsir progett ta` panelli fuq diversi bjut ta` binjiet kbar mill-kumpanija Samsung. Is-Sindku qal li fil-granet li gejjin ser jigu xi rapprezentanti tas-Samsung fil-lokalita tal-Birgu biex jaraw il-lokalita u l-spazji li jisghtu jintuzaw. Dan il-progett ser ikun ghas-spejjez taghhom. Is-Sur Mizzi staqsa x`qeghdin jitolbu in return ta` dan il-progett. Is-Sur Zerafa qal li ghandna nevolvu din l-idea ma` dawn ir-raprezentanti meta nintaghqu maghhom.

## 32.7 Korrispondenza

### 32.7.1 Kwotazzjoni tal-Polo Shirts ghall-haddiema tal-ETC

Il-Kunsill gab tlett kwotazzjonijiet sabiex jornda l-polo shirts tas-sajf ghall-haddiema tal-ETC. Wara li l-Kunsill ra u evalwa l-kwotazzjonijiet, mar ghall-irhas offerta.

### 32.7.2 Landscaping works taz-zona maghrufa ahjar bhala tal-Glaziz fil-Birgu

Il-Kunsill bghat korrispondenza lill-perit responsabbli mill-progett tal-Glaziz, lil Dr. Claude Busuttil sabiex, fejn informa lill-istess perit li fid-dokumenti li ntabghtu ta` kif inhu gej il-progett m`hemmx il-football pitch u l-open air gym kif kien propona l-Kunsill Lokali tal-Birgu. Is-Sindku qal li li l-pitch tal-football kien ser ikun rizors ta` income ghall-Kunsill. L-istess Kunsill ghal darb`ohra talab li dan ikunu nkluzi fil-porgett bhal ma kien mifthiem. Din l-istess korrispondenza ntbaghtet ukoll lis-Sur George Azzopardi mill-Ministeru ta` Dr. Helena Dalli.

**32.7.3 Slippery Pavement fi Triq it-Torri ta` San Gwann.**

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu bghat ittra lid-Direttur tar-Restoration Unit fejn infurmah dwar ilment li l-Kunsill ircieva dwar bankina tizloq fi Triq it-Torri ta` San Gwann kantuniera ma` Triq il-Mina l-Kbira. Ghal din il-korrisponenza, id-Direttur qal lill-Kunsill li qabel ma` l-istess Kunsill mhux ser jikkopera fuq affarijiet ohra, ma jarax li ghandhu jaghti azzjoni ghal konenut tal-ittra li l-Kunsill bghat dwar din il-bankina.

**32.7.4 Il-Progett tal-Glaziz u fondi ewropej.**

Mibughta diversi korrispondenzi lid-Direttur tal-MUESAC u lid-Direttur tal-Lands Department dwar l-applikazzjoni li kellha ssir sabiex jinkisbu l-fondi ewropej sabiex ikun jista` jsir il-progett. Ghal dawn il-fondi, l-applikazzjoni baghqet ma saritx peress li kien hemm xi problema dwar id-devoluzzjoni tal-art lill-Kunsill. Is-Sindku spjega li jekk ma kienx hemm talba minn xi parti jew ohra sabiex il-kutratt ta` devoluzzjoni tal-art jieqaf ghal xi raguni, il-kuntratt jibqa` jigedded awtomatikament. Sfortuntament minhabba din in-negligenza, dan il-progett baqa` ma sarx.

**32.7.5 Ittra ta` Ringrazzjament mill-Assoccazzjoni AVEC**
Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ircieva ittra ta` ringrazzjament mill-Assoccjazzjoni AVEC dwar l-organizzazzjoni li ghamel ghamel il-Kunsill Lokali tal-Birgu sabiex seghtet titella` l-konferenza generali gewwa l-Birgu.

**32.7.6 Sejha sabiex il-Kunsill jiehu sehem fi progett iffinanzjat mill-Unjoni Ewropeja**

Il-Kunsill ircieva sejha sabiex jiehu sehem fi progett iffinanzjat mill-Unjoni Ewropeja bl-isem "Iinternational Dialogue, Cultural Diversity and Respect for Religious Diversity". Din il-proposta giet imressqa mill-belt ta` Nis fis-Serbia. Ghal dan il-progett, il-Kunsill Lokali tal-Birgu wera l-interess tieghu. Il-Kunsill qabbel unanimament dwar dan il-porgett.

**32.7.7 Ittra mibughta lis-Sur Jesmond Xuereb mill-FTZ**
Ghal darb`ohra l-Kunsill Lokali tal-Birgu bghat email lis-Sur Jesmond Xuereb dwar il-kwistjoni tal-progett Seatoland sabiex din tigi konkluza. Fuq din il-materja, is-Sindku spjega li kien hemm diversi tentattivi biex issir appuntament ghand l-avukat biex din il-kwistjoni tigi risolvuta imma sfortuntament sa issa kien kollu ghal xejn. Is-Sindku spjega wkoll li l-Kunsill gie nfurmat li jekk sal-2018 il-parti l-ohra ma titlobx il-flus, wara ma jkollhiex il-jedd li titlob flus il-Kunsill. Is-Sindku zied jghid li dawn il-flus huwa ferm importanti ghall-Kunsill biex bhal ma kellna rapport pozittiv matul dawn l-ewwel tlett xhur tas-sena, ikompli jkollna progress finanzjajru ferm akbar matul din is-sena.

**32.7.8 Id-Dar tal-Anzjani gewwa lokalita tal-Birgu.**

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu bghat ittra lis-Sinjura Mc Namara sabiex issir laqgha maghha sabiex tigi ddiskussa l-possibilita li tinstab xi forma ta` soluzzjoni. Is-Sindku qal li ser ssir laqgha ghada 15 ta` Gunju 2017 fit-tmienja ta` filghodu.

**32.7.9 Il-Konferenza Generali tal-AVEC li jmiss f`Tours, Franza**

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu gie nfurmat li l-konferenza Generali tal-AVEC li jmiss ser issir gewwa Tours fi Franza bejn id-9 u l-11 ta` Novembru 2017. Id-delegazzjonijiet iridu jaslu fit-8 ta` Novembru 2017. Aktar `il quddiem ser jintbghat il-programm. Is-Sindku qal li huwa mportanti li nattendu u qal lill-Vici Sindku sabiex jakkumpanjah ghal din il-laqgha f`Novembru li gej. Is-Sindku nforma lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex ticcekja jekk l-ispejjez tieghu humiex koperti mill-Assoccjazzjoni peress li huwa l-President ta` din l-isetess Assoccjazzjoni u dan sabiex jinqaghtu l-flights necccessarji minn qabel biex ma jghollewx il-prezzijiet.

**32.7.10 UIF Funds**

Sal-31 ta` Marzu 2017, il-Kunsill Lokali tal-Birgu ghandhu €41,927.78 UIF Funds. Is-Sindku propona li min dawn il-flus ghandhom jinxtraw il-bankijiet ghaz-zona ta` gewwa ta` Couvre Porte u ta` fejn Old Bakery, li jammontaw ghal madwar 12-il bank. Is-Sur Boxall qal li nzebghu l-erbgha bankijiet li hemm mwahhla wara Cafe Riche u li l-Ministeru ser jipprovdi lill-Kunsill sitt bankijiet ghall barra Couvre Porte

**32.7.11 Applikazzjoni ta` DNO dwar l-bust ta` Dun Guzepp Caruana**

Mibughta kopja tal-applikazzjon ta` DNO dwar l-bust ta` Dun Guzepp Caruana. Din l-applikazzjoni saret f`April 2017. Is-Sindku qal li l-Kunsill ghadu qed jistenna li johrog il-permess mill-Awtorita tal-Ippjanar. Wara li s-Sindku spjega dwar il-laqgha li kellhu ma` supplier tal-irhas offerta. Wara diskussjoni, giet ipprezentata l-irhas kwotazzjoni, is-Sindku proprona li tigi approvata l-kwotazzjoni tal-bust u s-Sur Trevor Mizzi ssekonda u giet approvata unanimament.

**32.7.12 Stima tal-lift tal-Berga tal-Ingliterra.**

Mibughta l-istima u artistic impression tal-lift li jrid issir fil-Berga tal-Ingliterra (learning hub tal-anzjani) lil wiehed mid-Diretturi ta` Alf Mizzi & Sons. Is-Sindku qal li huwa kellhu laqgha mar-raprezzentanti ta` Alf Mizzi and Sons fuq il-post. Is-Sindku spjega li xoghol tal-lift irid issie bhal ma gie approvat mill-MEPA.

**32.7.13 Applikazzjoni ghall-Attivitajiet Kulturali 2017**

Mibughta l-applikazzjoni ghall-Attivitajiet Kulturali li ser ssir bejn Lulju u Dicembru 2017. Din l-applikazzjoni kienet dwar l-attivita tal-Birgufest 2017 li ser ssir bejn it-13 u l-15 ta` Dicembru 2017. Din l-applikazzjoni giet milqugha u l-Kunsill Lokali tal-Birgu ser jiehu somma ta` €15,000 biex titella din l-attivita. Is-Sindku nforma lil dawk prezenti dwar jekk il-Kunsill ghandhux japplika ghat-tlett snin, fejn qal li l-Kunsill ser jibqa` jiehu l-istess somma ta` hmistax –il elf fis-sena u ser ikun marbut li l-attvita ssir bilfors. Is-Sur Gellel qal li huwa jaqbel

li l-Kunsill ghandhu japplika imma juri li qed jipprotesta dwar din is-sitwazzjoni li l-Kunsill baqa` jiehu l-istess fondi.

**32.7.14 Mibughta ittra mis-Sinjura Katerina Minardo dwar l-iskulturi.**

Is-Sindku spjega kif il-MEPA issugeriet lill-perit sabiex jaghmel DNO ghal din l-applikazzjoni imma sfortunatment is-Supretendenza regghet ogezzjonat. Is-Sindku qal li jekk jinhargu l-permessi neccessarji, l-inawgurazzjoni ta` dawn l-istatwi ghandha ssir f`Ottubru matul l-attivita ta` tfal fil-Birgufest.

**32.7.15 Fondi li jibqa mis-sistema ta` Infurzar Lokali**

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu rcieva pagament ta` distribuzzjoni allokat lill-Kunsill Lokali tal-Birgu bi qbil li sar mall-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar fondi li baqa` mis-sistema ta` Infurzar Lokali. Dan l-ammont kien ta`€ 4,633.89 u dan irrid jintnefaq ghal dak kollu relatat ma` traffiku.

**32.7.16 Sweeping Machine fil-lokalita tal-Birgu.**

Il-Kunsill bghat korrispondenza lid-Direttur tar-Restoration Unit dwar l-sweeping machine li kellna tinghata lill-istess Kunsill sabiex ikun jista` juzha fit-toroq li saru fl-area tal-Collachio. Is-Sindku spjega kif il-Kunsill wasal fi ftehim mar-Resoration Unit dwar din il-magna, fejn l-istess Restoration Unit ser jikri l-magna minghand il-Public Cleansing u dawn ser ihallsu tal-kirja u tal-haddiem li ser juza din il-magna.

**32.7.17 Cirkulari 13/2017 – Inizjattiva Finanzjarja –LG Community Innovation Fund.**

Is-Sindku qal li l-Kunsill Lokali tal-Birgu ghandhu jiccekja jekk il-progett tal-bandli jisghtax jsir minn dawn il-fondi.

**32.7.18 Stedina ghat-Tnedija tal-Programm ta` Implimentazzjoni tal-Pjan Regjonali.**

Stedina ghat-Tnedija tal-Programm ta` Implimentazzjoni tal-Pjan Regjonali fi Gnien ta` Hastings, nhar it-Tnejn 22 ta` Mejju 2017. Ghal din l-attivita ma attenda hadd.

**32.7.19 Cirkulari 14/2017 – Ittra ta` Rizenja minn hatra ta` Kunsillier.**

Mibughta Cirkulari li titratta dwar il-process li jsir meta l-Kunsill jircievi ittra ta` rizenja minn hatra ta` Kunsillier. Din ic-Cirkulari ntbaghtet ukoll lill-Kunsilliera kollha tal-Kunsill.

**32.7.20 Cirkulari 34/2017 – Spjegazzjoni ta` kif jisghtu u ghandhom jintuzaw il-flus mqassma lill-Kunsilli Lokali.**

Mibughta Cirkulari minn naha tal-Assoccjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar kif ghandhom jintnefqu l-flus li gew imqassma bhala parti mis-sistema ta` Infurzar Lokali. Dawn il-flus ghandhom jintuzaw ghal certu progetti bhal tiswija ta` toroq, sinjali ta` traffiku u affarjiet

ohra li jibbenifika minnhom ir-resident. Is-Sindku propona li minn dawn il-flus ghandhom issiru l-sleeping policeman ta` Triq Desain u Triq il-Kardinal, ghalhekk talab li jintalbu l-kwotazzjonijiet. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

**32.7.21 Cirkulari 16/2017 – L-Indikatur tal-Qaghda Finanzjarja.**

Giet prezentata din ic-Cirkulari dwar il-procedura skond il-Ligi li tirregola l-Indikatur tal-Qaghda Finanzjarja (l-FSI) fejn il-Kunsill Lokali ghandu josserva l-applikazzjoni tar-rekwizit ta` bilanc favorevoli ta` ghaxra fil-mija. Dwar dan tah spejgazzjoni l-accountant tal-Kunsill.

**32.7.22 H2020 Project: "Engaging provate consumers towards sustainable energy".**

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu gie avvicinat mill-Alda sabiex jkun parti minn dan il-progett. Il-Kunsill wera l-interess tieghu u bghat letter of endorsement kif mitlub.

**32.7.23 Call for Projects: Europe for Citizens Programm.**

Mibughta ittra minn naha tal-Assoccjazzjoni AVEC, fejn infurmat lill-Kunsill Lokali tal-Birgu sabiex juri l-interess tieghu f`dan il-progett li l-applikazzjoni ser taghlaq fl-1 ta` Settembru 2017. Dan il-progett jaghmel parti mill-Europe for Citizens Programme. Il-Kunsill qabel unanimament li juri l-interess ghal dan il-progett.

**32.7.24 PA –list of notices.**

Wara diskussjoni li kien hemm dwar l-applikazzjoni ta` mwejjed u siggijiet fi Triq il-Mina l-Kbira u u fi Triq il-Lbic mis-Sur Renald Cassar obo D Centre, il-Kunsill qabel li fi Triq il-Mina l-Kbira ma jintmissx id-double yellow line u jittiehed biss parkegg wiehed.

Is-sindku nforma lil dawk preznenti li dwar l-permess li nghata sabiex issir ir-restawr fin-nicca ta` San Filippu fi Triq San Filippu. Dan ir-restawr ser ssir minn naha tal-Works and Infrastructure Division. Is-Sindku qal li dwar dan ir-restawr il-Kunsill kien ilu zmien li ressaq din it-talba.

**32.7.25 L-ahhar attivita qabel il-festa mill-Ghaqda Piroteknika 10 ta` Awwissu**

Il-Kunsill ircieva talba sabiex jinghata permess sabiex issir attivita mill-Ghaqda Piroteknika 10 ta` Awwissu nhar il-Gimgha 28 ta` Lulju 2017 relatata mall-festa ta` San Lawrenz. Din l-attivita ser ssir fuq il-posta ta` Kastilja (fuq il-kanuni). Il-Kunsill qabbel unanimament li ssir din l-attivita.

**32.7.26 Project Proposal : Knight Route.**

Wara li s-Segretarju Ezekuttiv spjegat fuq dan il-progett, dawk prezenti qabblu unanimament li nuru nteress f`dan il-progett.

**32.7.27 Mibughta ittra lill-Onorevoli Anthony Agius Decelis dwar Learning Hub ghall-Anzjani**

Mibughta ittra lill-Onorevoli Anthony Agius Decelis dwar Learning Hub ghall-Anzjani, is-Segretarju Parlamentari ghall- Anzjanita Attiva, fejn gie mistieden biex jara xoghlijiet li saru u dawk li fadal biex issiru, specjalment dawk tal-lift.

**32.7.28 Mibughta ittra lill-Prim Ministru ta` Malta.**

Mibughta ittra ta` awgurju lill-Prim Ministru ta` Malta ghar-rebha eleltterali li kiseb fl-Elezzjoni Gnerali li saret f`Malta is-Sibt 3 ta` Gunju 2017

**32.7.29 Gemellagg mall-villagg ta` Coye-La-Foret fi Franza.**

Il-Kunsill ircieva korrispondenza minghand l-AKL dwar proposta ta` gemellag mall-vilagg ta` Coye-La Foret fi Franza, sabiex minnhu nterressat jibghat email lill-Assoccjazzjoni. Il-Kunsill qabbel unanimament li nuru l-interess taghna.

**32.7.30 Talba sabiex issir tabella ta` reklamar.**
Il-Kunsill ircieva korrispondenza minghand is-Sur Peter Pugh-Jones sabiex jaghmel tabella ta` reklamar fi Triq Nestu Laviera. Wara diskussjoni li saret gie deciz li tabella ghandha tinzel targa l-isfel u dan sabiex ma tellifx lill-karozza tal-linja biex idur.

**32.7.31 Installazzjoni u kwotazzjonijet tal-punch clocks ghall-haddiema tal-Kunsill.**

Gew prezentati l-kwotazzjonijiet li ngabru. Il-Kunsill qabbel li jsir punch clock bil-palm readers jew finger readers u li mmorru ghall-irhas kwotazzjoni wara li jigi evalwati sew il-kwotazzjonijiet.

**32.7.32 Ftehim bejn l-Scouts u l-Festi Esterni ta` zewg festi.**

Gie mibghut lill-Kunsill kopja ta` ftehim li sar bejn l-Scouts u l-Festi Esterni ta` zewg festi dwar irregolarizazzjoni tal-uzu tat-Torri ta` San Gwann fil-Birgu.

**32.7.33 Minuti tal-Laqgha Annwali 2017**

Wara li Segretarju Ezekuttiv prezentat il-Minuti tal-Laqgha Annwali 2017, gew approvati bi qbil unanimu.

## 32.8 Komunikazzjoni mis-Sindku

32.8.1 Is-Sindku tah l-fakulta lill-Vici Sindku sabiex jispjega dwar il-culling tal-hamiem. Is-Sur Trevor Mizzi spjega li waqt laqgha li kellhu mas-Sur Patrick Gauci mid-Direttorat tal-Agrikoltura qal li l-culling tal-hamiem ser ssir nhar il-Hamis 22 ta` Gunju 2017 matul il-hin ta` filghaxija bejn il-hamsa u nofs u disgha ta` filghaxija. Matul din l-attivita ser ikun hemm bzonn prezenza tal-pulizija li jrid jiehu hsieb il-Kunsill jikkuntatja lis-Supretendent. Is-Sindku qal li l-Kunsill ser jinforma lir-residenti kollha u lid-dilettanti tal-hamiem.

32.8.2 Is-Sur John Boxall spjega li gie avvicinat mis-Sur Andrew Bugeja, fejn dan wera xewqa li l-Kunsill jsib okazzjoni sabiex jigi pprezentat u inawgurat it-trofew il-gdid ta` Jum il-Birgu. Is-Sindku qal ghandhu jibqa` jintuza dan it-trofew ghal din l-okazzjoni ta` Jum il-Birgu.

32.8.3 Is-Sur John Boxall qal li gie aviccinat minn sid ta` hanut fil-Birgu sabiex jaghmel il-mappa tal-Birgu f`notice board tixghel anke bid-dawl. Matul il-laqgha li kellhu, is-Sindku wera xewqa li jsiru leaflets bil-mappa tal-Birgu bhal ma kien sar fil-passat. Is-Sur Boxall qal li s-sid ta` dan il-hanut laqa` talba tieghu u lest li jaghmilhom ghas-spejjez tieghu.
32.8.4 Is-Sindku qal li hemm il-htiega li jsiru zewg bankijiet tal-hwejjeg ohra fil-qasam ta` djar tal-Hawli u ohra in-naha ta` Triq il-Palazz tal-Gvernatur (naha tal-klabb tal-bocci).

32.8.5 Is-Sur Boxall qal li l-Kunsill diga` beda jaghmel diversi kuntatti dwar l-attivita tal-Birgufest 2017. Qal ukoll li hemm bzonn li ssir laqgha mas-Sur Andrew Agius Muscat dwar din l-attivita ghal fatt li kien diga` kellem lis-Sindku dwar grupp mill-Italja li wera interess li jippartecipa fil-Birgufest.

## 32.9 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

Ma kien hemm l-ebda intervent.

## 32.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Is- Sindku, is-Sur John Boxall ressaq ghall-approvazzjoni l-Iskeda tal-Pagamenti li tkopri c-cekkijiet bin-numri, BOV 3496 – 3560, fejn cekk numru BOV 3505 u BOV 3514 gew kkancellati, u HSBC cekkijiet bin-numru 9636-9641. Saru wkoll BOV bank transfer. Il-Kunsill approva b'mod unanimu l-Iskeda ta' Pagamenti ddatata 26 ta` April 2017 sal-14 ta` Gunju, 2017.

## 3.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa intemmet fit-tmienja u ghoxrin ta` filghaxija (8:20pm)u ġiet aġġornata l- laqgha Nru 33 ghat-Tnejn 3 ta` Lulju 2017 fil-hamsa u nofs ta` filghaxija (5:30pm)

Konfermati 3 ta` Lulju 2017

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| John Boxall<br>Sindku | Lara Mascena<br>Segretarju Eżekuttiv |